MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru. 66/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Anthony Abela**

Kumpilazzjoni Numru: 66/2012

**Illum, 23 ta' Jannar, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Abela ta' 53 sena bin Carmelo u Melita nee Gauci imwieled il-Pieta nhar il-21 ta' Gunju 1958. li m'ghandux residenza fissa u huwa detentur tal-karta ta' identita b'numru 440358M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, gewwa l-Belt Valletta fis-16 ta' Jannar 2012 ghall-habta tal-11.30 ta' fil-ghodu

kkommetta serq, liema serq jeccedi €232.94 izda ma jeccediex €2,329.37, liema serq hu aggravat bil-valur ghad-detriment ta’ Krista Ellul Sullivan.

Barra minn dan l-imputat gie akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, u liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, kif ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------